# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 20 ta' Mejju 2024**

**Rik. Gur.Nru.: 82/2024 JPG**

**Kawza nru.: 21**

**ML**
**Vs**
**JC**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-attrici datat 16 ta' Frar 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewġu nhar it-tlieta u ghoxrin (23) t'Awwissu tas-sena elfejn u tlieta (2003) skond ma jirrizulta mill-anness kopja tac-certifikat taz-zwieg taghhom, anness u mmarkat bhala Dok ML 1.*

2. *Illi minn dan iz-zwieg taghhom huma kellhom zewg ulied ossia HC li twieldet f'X u ghalhekk illum maggorenni, u EC li twieldet f'Y;*

3. *Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin sa mis-sittax ta' Gunju tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (16.06.2021) u dana permezz ta' kuntratt fl-atti tan-nutar pubbliku Dr Patricia Vella Haber LL.D. kopja awtentikata ta' liema kuntratt qieghda tigi hawn annessa u mmakata Dok ML 2;*

4. *Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li minbarra l-fatt illi l-partijiet ilhom separati sa mill-elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) huma ormai ghandhom hajja totalment separati minn ma xulxin;*

5. *Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut versu l-konvenut, stante rinunzja reciproka li tirrizulta mill-anness kuntratt fi klawsola numru erbgha (4) tal-istess, u lanqas ma hemm arretrati dovuti in linea ta' manteniment ghat-trobbija tal-minuri, pagabbli mill-konvenut lir-rikorrenti skont fit-termini ta' klawsola sitta (6);*

6. *Illi l-esponenti qieghda in oltre tesebixxi l-affidavit taghha stess anness u mmarkat bhala Dok ML 3 permezz ta' liema affidavit hija tikkonferma l-fatti hawn esposti.*

*Għaldaqstant, l-esponenti titlob reverentement illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieg tal-partijiet sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;*

.

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-Konvenut datat 3 t'April 2024, a fol 14, li taqra hekk:

*Illi huwa gie notifikat bir-rikors promotur mibghut mir-rikorrenti u qieghed jwiegeb ghalih permezz ta' prezenti;*

*Illi huwa jaqbel mal-kontenut tal-istess rikors inkluz mal-fatt illi m'hemmx kwistjonijiet ta' manteniment pendenti hekk kif il-partijiet rrinunzjaw irrevokabilment ghall-manteniment fil-konfront ta' xulxin, filwaqt illi l-*

*esponenti dejjem hallas il-manteniment favur il-minuri u ghaldaqstanti m'hemm l-ebda arretrati;*

*Illi kif intqal fir-rikors promotur ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni stante l-fatt illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) u illum jghixu hajja totalment separata minn xulxin;*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet kollha kif dedotti taht dawk il-provedimenti kollha illi din l-istess Qorti jidrilha xieraq u opportuni.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet (vide affidavit fol 11)** u kkonferma illi il-partijiet izzewgu nhar it-23 ta' Awwissu 2003 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied, wahda maggorenni u l-ohra minorenni. Iddikjarat illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntrat datat 16 ta' Gunju 2021 fl-atti tan-Nutar Dr Patricia Vella Haber. Di piu', ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimat xehed (vide affidavit fol 16)** u kkonferma u kkorrobora x-xhieda tal-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

> ***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***
>
> ***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-23 t'Awwissu 2003 liema zwieg jgib certifikat numru 1495/2003 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Patricia Vella Haber nhar is-16 ta' Gunju 2021 (Vide fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1495/2003 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**